DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1875

tat-22 ta' Ottubru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-29 ta' April 2021 il-Kunsill adotta id-Deċiżjoni (UE) 2021/689 ([1]), dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([2]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) Skont l-Artikolu 494 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit (il-"Partijiet") qablu li jikkooperaw bil-ħsieb li jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd għall-istokkijiet kondiviżi fl-ilmijiet tagħhom ikunu ambjentalment sostenibbli fit-tul, u li jikkontribwixxu għall-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati kostali indipendenti kif eżerċitati mill-Partijiet. Il-Partijiet jikkondividu l-objettiv li jisfruttaw l-istokkijiet kondiviżi b'rati maħsuba biex iżommu u jirrestawraw b'mod progressiv il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada 'il fuq mil-livelli tal-bijomassa li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

(3) Skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Partijiet għandhom jorganizzaw konsultazzjonijiet annwali biex jaqblu dwar il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għal stokkijiet kondiviżi.

(4) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet annwali f'isem l-Unjoni u abbażi tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

(5) L-involviment regolari u sħiħ tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu fil-proċess ta' konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet inkwistjoni jenħtieġ li jiġi żgurat permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni estensivi bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(6) Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat immedjatament u b'mod sħiħ, skont l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

([2]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(7) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jirrikjedi li l-Unjoni tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.

(8) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jirrikjedi mill-Unjoni illi tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u li jkollha l-għan li tiżgura illi l-isfruttar ta' riżorsi ħajjin tal-baħar jirrestawra l-popolazzjonijiet ta' speċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

(9) L-Artikolu 2(5), punt (j), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jirrikjedi illi l-ġestjoni tas-sajd tkun koerenti mal-objettiv li jinkiseb status ambjentali tajjeb kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). L-Artikolu 2(5), punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1), punt (d), ta' dak ir-Regolament, jirrikjedi wkoll li l-Unjoni telimina gradwalment il-qbid skartat billi, fost l-oħrajn, tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u għall-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, kif ukoll is-sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd.

(10) L-Artikolu 3, punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-Unjoni għandha tieħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli.

(11) L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-Unjoni għandha twettaq ir-relazzjonijiet esterni tagħha dwar is-sajd f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dak ir-Regolament u għandha, fost oħrajn, tappoġġa b'mod attiv u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi. L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi wkoll li d-dispożizzjonijiet dwar il-politika esterna stabbiliti fil-Parti VI ta' dak ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi adottati skont l-Artikolu 218 TFUE.

(12) L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula prinċipji u objettivi tal-ġestjoni tal-istokkijiet ta' interess komuni għall-Unjoni u għall-pajjiżi terzi, kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ftehimiet dwar l-iskambju u l-ġestjoni konġunta.

(13) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd koperti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-ħtieġa li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew matul il-konsultazzjonijiet annwali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena f'dawk il-konsultazzjonijiet. Dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) TUE.

(14) Skont il-punt 2(c) tal-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1765 ([5]) l-Unjoni tista' tfittex li tirreġistra kwistjonijiet li ntlaħaq qbil dwarhom mill-Partijiet wara konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(15) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit, peress li l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet jenħtieġ li jiġi implimentat fil-liġi tal-Unjoni,

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([4]) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1765 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, għall-perijodu 2021-2026, fil-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 135).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi**,** inkluż stokkijiet tal-baħar fond, skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") hija stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

2. L-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni, kif imsemmija fil-paragrafu 1, għandha titwettaq fuq bażi annwali skont l-Artikolu II.

Artikolu 2

1. L-involviment regolari u sħiħ tal-Kunsill matul il-konsultazzjonijiet annwali għandu jiġi żgurat permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni estensivi bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni.

2. Qabel il-bidu u tul l-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura li l-pożizzjoni li tkun ser tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis il-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti u informazzjoni oħra disponibbli, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness. Il-pożizzjoni għandha tkun riflessa fir-reġistrazzjoni miktuba li tiddokumenta l-arranġamenti magħmula bejn l-Unjoni u r-Renju Unit u li jirriżultaw mill-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

3. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, fi żmien biżżejjed qabel il-konsultazzjonijiet annwali u, fejn neċessarju, matul dawk il-konsultazzjonijiet, dokument bil-miktub, abbażi tal-parir u tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni. Il-Kunsill għandu jibqa' jsegwi l-kwistjoni matul il-proċess kollu, u l-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, fi żmien suffiċjenti qabel l-iffirmar tar-reġistrazzjoni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 2, il-pożizzjoni tal-Unjoni għall-approvazzjoni tar-riżultati dettaljati tal-konsultazzjonijiet annwali.

4. Il-proċess imsemmi f'dan l-Artikolu għandu jinkludi laqgħat ta' koordinazzjoni *in situ*, preżentazzjonijiet, laqgħat ta' informazzjoni u diskussjonijiet, u l-involviment sħiħ tad-delegazzjonijiet nazzjonali fil-konsultazzjonijiet annwali, inkluż bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni, u, meta jkun meħtieġ, f'laqgħat tekniċi.

5. Jekk tul il-konsultazzjonijiet annwali, ikun impossibbli li Unjoni tasal għal ftehim mar-Renju Unit, u biex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis elementi ġodda, il-Kummissjoni għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill.

6. Jekk, wara l-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet annwali, ikun xieraq li t-TACs jiġu emendati fis-sena jew snin li għalihom kienu maqbula, il-Kummissjoni għandha, fi żmien suffiċjenti u abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni oħra rilevanti u f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness, tibgħat lill-Kunsill dokument miktub ġdid li jiffissa d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' tali emendi, għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni, qabel l-iffirmar ta' rekord bil-miktub.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2027. Hija għandha tiġi vvalutata kif meħtieġ u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jsir rieżami sat-30 ta' Ġunju 2023.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

ANNESS

IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TIĠI ADOTTATA F'ISEM L-UNJONI FIL-KONSULTAZZJONIJIET ANNWALI MAR-RENJU UNIT BIEX JINTLAĦAQ FTEHIM DWAR IL-QABDIET TOTALI PERMISSIBBLI

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit, l-Unjoni għandha:

(a) tfittex li tiżgura li l-opportunitajiet tas-sajd maqbula jkunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, u tal-Ftehim tan-NU tal-1995 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u ta' Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna;

(b) tfittex li tiżgura li jitħarsu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni;

(c) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politiki li l-Unjoni qiegħda ssegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi oħra u fi ħdan organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, u tiżgura l-konsistenza mal-politiki l-oħrajn tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, tal-impjiegi, tal-ambjent, tal-kummerċ, tal-iżvilupp u tar-riċerka u tal-innovazzjoni;

(d) tiżgura li t-TACs u miżuri oħra marbuta funzjonalment jiġu stabbiliti b'mod li jkun konsistenti mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u jqisu bis-sħiħ kwalunkwe miżura jew gwida stabbilita mill- Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd;

(e) tfittex li tiżgura illi t-TACs ikunu determinati f'konformità mal-objettiv tal-politika komuni tas-sajd ("il-PKS") li jiġi żgurat li s-sajd ikun ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkun ġestit b'tali mod li jkun konsistenti mal-għanijiet li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali, u għall-impjiegi, inkluż l-objettiv ta' konservazzjoni ewlieni tal-PKS, jiġifieri l-MSY, kif ukoll mal-pjanijiet pluriennali applikabbli;

(f) tfittex li tallinja mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS;

(g) tfittex li tiżgura regoli mingħajr l-ebda diskriminazzjoni għall-flotta tal-Unjoni bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni;

(h) tfittex li tistabbilixxi skedi ta' żmien għall-konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd;

(i) tfittex li tiżgura l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-Direttiva 2008/56/KE, kif ukoll ma' politiki oħra tal-Unjoni.

2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha tagħmel kull sforz biex tilħaq ftehim mar-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd (it-TACs u l-miżuri tagħhom marbuta funzjonalment), abbażi tal-approċċ indikat hawn taħt.

B'ħekk, il-Kummissjoni għandha taħdem fil-qrib mal-Kunsill waqt il-konsultazzjonijiet annwali, sabiex:

(a) tfittex li tistabbilixxi TACs abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, biex tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tal-MSY;

(b) tfittex li tistabbilixxi TACs skont l-approċċ prekawzjonarju għas-sajd fejn parir xjentifiku bħal dan dwar ir-rati ta' sfruttament tal-MSY ma jkunx disponibbli;

(c) tfittex li tipprevjeni l-isfruttament żejjed tal-istokkijiet rilevanti billi tistabbilixxi TACs f'livell simili għal snin preċedenti fejn ma kinux disponibbli pariri xjentifiċi;

(d) tfittex li tikkombina pariri xjentifiċi differenti għall-istabbiliment tat-TACs, inkluż fejn pariri bħal dawn jikkombinaw l-MSY u l-pariri prekawzjonarji, għal TACs b'diskrepanza bejn iż-żona ta' parir u ż-żoni tal-ġestjoni, jew fejn it-TACs jikkombinaw aktar minn speċi waħda, u tfittex mod adegwat biex tieħu kont tal-parir meta tistabbilixxi t-TACs għar-rebekkini u r-raj;

(e) tfittex li tistabbilixxi TACs b'valutazzjoni tal-MSY u bil-pariri tal-F_{MSY} f'konformità mal-objettiv tal-MSY tal-PKS u l-pjanijiet pluriennali applikabbli; meta l-pjanijiet pluriennali jippermettu l-użu tal-meded tal-F_{MSY} kif previst mill Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar -(ICES), l-Unjoni għandha tfittex li tagħmel użu minn dawn id-dispożizzjonijiet, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-pjanijiet pluriennali jiġu ssodisfati;

(f) tfittex li tiffissa TACs abbażi tal-approċċ prekawzjonarju li jikkorrispondi mal-parir ewlieni fl-iskeda ta' pariri xjentifiċi tal-ICES b'parir prekawzjonarju għal: (i) stokkijiet ta' qbid inċidentali (skont il-pjanijiet pluriennali); (ii) stokkijiet tal-ispeċijiet immirati (skont il-pjanijiet pluriennali) fejn l-ICES jipprovdi parir prekawzjonarju biss; u (iii) TACs b'pariri prekawzjonarju pluriennali, meta jenħtieġ li jkun hemm ħidma għall-kisba tal-istabbiltà;

(g) tfittex li tqis id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat fil-livell tal-MSY fl-istess ħin, u b'mod partikolari meta huwa diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomenu tal-ispeċijiet bi kwota limitanti, inkluż TACs b'parir ta' qabdiet żero jew għal speċijiet immirati inkella TACs ta' qabdiet inċidentali; l-Unjoni għandha, fejn rilevanti skont il-pjanijiet pluriennali, tfittex li takkumpanja l-livell tat-TAC mal-miżuri ta' rimedju fil-baċiri tal-baħar rilevanti;

(h) tfittex li tistabbilixxi TACs għal finijiet xjentifiċi jew ta' monitoraġġ f'konformità mal-pariri xjentifiċi;

(i) tfittex il-konsistenza mal-liġi applikabbli tal-Unjoni fir-rigward ta' speċijiet u stokkijiet speċifiċi;

(j) tfittex il-konverġenza dwar l-ispeċijiet li għalihom għandu jkun ipprojbit is-sajd, abbażi tal-pariri xjentifiċi, inkluż il-projbizzjoni ġenerali fuq is-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond;

(k) tfittex approċċi li ntlaħaq qbil dwarhom dwar il-metodu u l-applikazzjoni tal-aġġustamenti għat-TACs maqbula wara l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-obbligazzjoni tal-ħatt l-art (eżenzjonijiet *de minimis* u tas-sopravivenza mill-obbligu tal-ħatt l-art tal-qabdiet kollha); l-Unjoni għandha tfittex l-ogħla livell possibbli ta' approċċi miftehmin għal tali eżenzjonijiet b'mod li huwa konsistenti mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(l) tfittex ftehim dwar l-approċċ għall-konservazzjoni tal-ispnotta tat-Tramuntana, abbażi tal-pariri xjentifiċi tal-ICES;

(m) tfittex ftehim dwar miżuri oħra b'rabta funzjonali għat-TACs, b'mod partikolari fir-rigward ta' kundizzjonijiet speċjali u flessibbiltajiet eżistenti bejn iż-żoni, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 15(8) u (9) tiegħu;

(n) tfittex li tidentifika, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, u f'konformità mal-Artikolu 499(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-istokkijiet li għandhom jitqiesu bħala "stokkijiet speċjali" għall-fini tal-istabbiliment ta' TACs proviżorji fejn il-konsultazzjonijiet annwali ma jistgħux jiġu konklużi f'waqthom f'konformità mal-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

(o) tfittex li taqbel dwar talbiet konġunti lill-ICES fejn jiġi identifikat il-bżonn għal parir addizzjonali;

(p) tfittex li tiżgura li l-livelli tat-TAC, f'konformità mal-parir xjentifiku, ikunu stabbiliti fil-ħin qabel il-bidu tas-sena tas-sajd għaċ-ċiċċirell, il-laċċa kaħla u l-merluzz tan-Norveġja fil-Baħar tat-Tramuntana, fejn is-sena tas-sajd ma timxix skont is-sena kalendarja;

(q) tfittex li tkompli l-mekkaniżmu proviżorju eżistenti ta' tpartit tal-kwoti sakemm il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd jistabbilixxi mekkaniżmu permanenti.